VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,362, 30 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 473 tal-2014

ATT DWAR IS-SAĦĦA
(KAP. 528)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 30 tal-Att dwar is-Saħħa, is-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqaraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-Regolamenti prinċipali".

L.S. 528.03

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "punt ta' kuntatt nazzjonali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Reġistru" tfisser ir-reġistru stabbilit bl-artikolu 25 tal-Att dwar is-Saħħa.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (viii) tal-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "għall-persuni b'diżabilità." għandhom jidħlu l-kliem "għall-persuni b'diżabilità;" u minnufih wara għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "(ix) l-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-preskrizzjonijiet maħruġa fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn huma dispensati, kif stabbilit bir-Regoli dwar il-Ħruġ ta' Riċetti u Dispensa ta' Mediċini."; u

L.S. 458.49

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "aċċessibbli għall-pubbliku." għandhom jidħlu l-kliem "aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi u f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, kif ikun xieraq.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) għandu jiġi enumerat bħala sub-regolament (3); and

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid kif ġej:

"(2) Persuna assigurata li hija residenti fi Stat Membru ieħor għajr f'Malta, u li għaliha Malta hija l-Istat Membru kompetenti taħt ir-Regolament (KE) Nru. 883/2004, għandha tkun intitolata għas-servizzi offruti mis-sistema tas-saħħa pubblika Maltija bl-istess kundizzjonijiet ta' persuni oħra assigurati li jgħixu f'Malta, jekk dak is-servizz:

(a) mhuwiex servizz li jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel fl-Istat Membru fejn il-persuna assigurata tirrisjedi; u

(b) mhuwiex servizz provdut taħt il-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru. 883/2004.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (4); u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra f'dawn ir-regolamenti, kull kura tas-saħħa transkonfinali li għaliha tkun diġà ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel, ukoll jekk qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandha tiġi rimborżata skont dik l-istess awtorizzazzjoni.".

Iżid ir-regolament 12 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Informazzjoni lill-pazjenti.

12. Fornituri ta' servizzi tas-saħħa għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti sabiex jgħinu lill-pazjenti individwali jagħmlu għażla infurmata, inkluż dwar għażliet ta' trattament, dwar id-disponibbiltà, il-kwalità u s-sikurezza tal-kura tas-saħħa li jipprovdu f'Malta. Huma għandhom jipprovdu wkoll fatturi ċari u informazzjoni ċara dwar il-prezzijiet, kif ukoll dwar l-awtorizzazzjoni tagħhom jew l-istatus tar-reġistrazzjoni, dwar il-kopertura ta' assigurazzjoni tagħhom jew mezzi oħrajn ta' assigurazzjoni personali jew kollettiva fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali.".

Iżid ir-regolament 13 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"*Follow-ups* mediċi.

13. Persuna li tirċievi kura tas-saħħa transkonfinali għandha tkun intitolata għall-*follow-ups* mediċi f'Malta, kif preskritt, iżda biss safejn dak il-*follow-up* huwa stabbilit fir-Reġistru u safejn dan jifforma parti mill-Lista Formularja tal-Gvern. Dak il-*follow-up* mediku għandu wkoll jkun suġġett għall-istess kriterji ta' aċċess meħtieġa għal *follow-ups* simili għall-kura tas-saħħa pprovduta f'Malta.".